Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1358/2003

tal-31 ta' Lulju ta' l-2003

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru w li jemenda l-Anness I u II tiegħu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 194, 1.8.2003, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2005 tat-8 ta' April 2005	L 338M	202	17.12.2008
►M2	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 158/2007 tas-16 ta' Frar 2007	L 56M	59	29.2.2008

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 109 (546/2005)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1358/2003

tal-31 ta' Lulju ta' l-2003

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru w li jemenda l-Anness I u II tiegħu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar ta' l-2003 dwar l-informazzjoni statistika għal dak li jirrigwarda t-trasport tal-passiġġieri, merkanzija u posta bl-ajru ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) In konformità ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 437/2003, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(2) Hemm lok li tkun stabbilita l-lista ta' l-ajruporti tal-Komunità, barra minn dawk li għandhom traffiku kummerċjali okkażjonali, u d-derogi li għandhom ikunu provduti.

(3) Huwa neċessarju li jkun definit il-format kif id-data għandha tkun mibgħuta, b'dettal suffiċjenti li jassigura li tali informazzjoni tista' tkun proċessata b'mod rapidu u ekonomiku.

(4) Jaqbel li jiġu ffissati il-modalitajiet tat-tixrid tar-riżultati statistiċi.

(5) In konformita' ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 437/2003, il-Kummissjoni għandha wkoll taddotta l-ispeċifikazzjonijiet li jidhru fl-Annessi tiegħu.

(6) Hu meħtieġ li jsiru addattamenti fl-istruttura tar-reġistru għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni, il-kodiċi u t-tifsiriet stabbiliti fl-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 437/2003

(7) Hemm lok ta' modifika tar-Regolament (KEE) Nru 437/2003 bħala konsegwenza.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu mal-parir tal-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE/Euratom ([2]),

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 3(2), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 437/2003, il-lista ta' ajruporti komunitarji, barra minn dawk li għandhom traffiku kummerċjali ta' kultant biss, u d-derogi, huma speċifikati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 66, tal-11.3.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

▼B

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 437/2003, ir-riżultati għandhom jiġu trasmessi skond id-deskrizzjoni ta' l-inkartament tad-data u l-mezz ta' trasmissjoni mfisser fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) nru 437/2003, il-Kummissjoni għandha tiddistribwixxi informazzjoni illi ma ġietx mogħtija bħala kunfidenzjali mill-Istati Membri, fuq kwalunkwe mezz u b'kwalunkwe struttura ta' informazzjoni.

Artikolu 4

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 437/2003 huma sostitwiti permezz tat-test stabbilit fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ wara l-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I

KATEGORIJI TA' L-AJRUPORT, LISTA TA' L-AJRUPORTI TAL-KOMUNITÀ U TAD-DEROGI

I. **Kategoriji ta' l-ajruport u perjodi ta' referenza meħuda in konsiderazzjoni**

Erbgħa kategoriji ta' ajruporti tal-Komunità jistgħu jkunu definiti:

— kategorija 0: Ajruporti b'inqas minn 15 000 unita ta' passiġġieri kull sena huma kunsidrati bħala li għandhom biss "traffiku kummerċjali ta' kultant', għalhekk ma għandhom, skond l-Artikolu 3(3), l-ebda obbligazzjoni li jirraportaw,"

— kategorija 1: Ajruporti bejn 15 000 u 150 000 unita ta' passiġġieri fis-sena għandhom jittrasmettu lista C1 biss,

— kategorija 2: Ajruporti b'aktar minn 150 000 unita ta' passiġġieri u inqas minn 1 500 000 unita ta' passiġġieri kull sena għandhom jitrasmettu l-listi kollha mniżżla fl-Anness I, iżda jistgħu, skond it-termini ta' l-Artikolu 3(4), jibenefikaw minn derogi sħaħ jew parzjali sas-sena 2003, 2004 jew 2005.

— kategorija 3: Ajruporti b'għall-inqas 1 500 000 unita ta' passiġġieri kull sena għandhom jittrasmettu l-listi kollha mniżżla fl-Anness I, iżda jistgħu, skond it-termini ta' l-Artikolu 3(5) jibenefikaw minn derogazzjoni sħiħa jew parzjali fuq lista B1, fis-sena 2003 biss.

Biex tiġi definita l-kategorija ta' l-ajruport fis-sena N is-sena ta' referenza meħuda in konsiderazzjoni għall-kalkolu tal-unita tal-passiġġieri hija:

— għall-kategorija ajruporti 0, 1 u 2: sena N-2,

— għall-kategorija ajruporti 3: sena N (ħlief għas-sena ta' komunikazzjoni ta' tabelli tas-sena l-2003 li għaliha l-unita ta' passiġġieri ta' l-2001 huma meħuda in konsiderazzjoni u għal-komunikazzjoni tat-tabella tas-sena 2004 li fiha l-unita ta' passiġġieri ta' l-2003 hi meħuda in konsiderazzjoni).

Ajruporti li fihom l- unita ta' passiġġieri naqqset bejn s-sena N-2 u s-sena N-1 jistgħu jużaw sena N-1 bħala s-sena ta' referenza għall-klassifika tagħhom.

II. **Derogi permessi**

Tabella li tirrikapitola għal kull sena ta' dikjarazzjoni u skond il-kategorija ta' daqs ta' l-ajruporti tal-Komunità.

Kategoriji ta' daqs ta' l-Ajruporti Komunitarji	Sena 2003	Sena 2004	Sena 2005
(0) *Inqas minn 15 000 unita ta' passiġġieri*	L-ebda obbligu li jirraporta	L-ebda obbligu li jirraporta	L-ebda obbligu li jirraporta
(1) *Bejn 15 000 u 150 000 unita ta' passiġġieri*	C1 (deroga possibbli)	C1 (deroga possibbli)	C1 (deroga possibbli)
(2) *Aktar minn 150 000 u inqas minn 1 500 000 unita ta' passiġġieri*	A1 (deroga possibbli) B1 (deroga possibbli) C1 (deroga possibbli)	A1 (deroga possibbli) B1 (deroga possibbli) C1 (deroga possibbli)	A1 (deroga possibbli) B1 (deroga possibbli) C1 (deroga possibbli)
(3) *Għall-inqas 1 500 000 unita ta' passiġġieri*	*A1 (l-ebda deroga)* B1 (deroga possibbli) *C1 (l-ebda deroga)*	*A1 (l-ebda deroga)* *B1 (l-ebda deroga)* *C1 (l-ebda deroga)*	*A1 (l-ebda deroga)* *B1 (l-ebda deroga)* *C1 (l-ebda deroga)*

Id-derogi jistgħu jkunu jew parzjali jew totali.

Id-derogi parzjali ma jistgħux jingħataw ħlief fl-oqsma li ġejjin: "informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru" u "postijiet disponibbli għall-passiġġieri".

F'każ li tingħata deroga parzjali f'dawn l-oqsma, għandu jiġi indikat "kodiċi mhux magħruf" minnflok dak mistenni (għall-qasam ta' "postijiet disponibbli għall-passiġġieri", il-kodiċi mhux magħruf li għandu jkun użat huwa "999999999999").

Jekk deroga kienet mogħtija għal ajruport f'sena N iżda l-kategorija ta' l-ajruport tinbidel f'sena N, id-deroga ma tibqax aktar valida għal dik is-sena.

▼B

III. **Lista ta' l-ajruporti Komunitarji koperti u derogi**

L-ajruporti Komunitarji li għandhom traffiku kummerċjali okkażjonali (kategorija 0) ma għandhom l-ebda obbligu li jirraportaw. Huma għalhekk eskluži mil-listi segwenti.

L-ajruporti ta' kategorija 1 huma msemmija b'font korsiv fil-listi segwenti.

L-ajruporti ta' kategorija 2 huma msemmija f'font normali fil-listi segwenti.

L-ajruporti ta' kategorija 3 huma msemmija b'font grassett fil-listi segwenti.

L-ajruporti ta' kategorija 3 li għalihom ingħatat deroga għal-lista B1 fl-2003 huma mmarkati b'X f'kolonna (4) fil'każ ta' deroga totali u P f'kolonna (4) f'każ ta' deroga parzjali.

L-ajruporti ta' kategorija 2 li għalihom għal liema deroga għal-lista A1 u/jew B1 hija mogħtija sas-sena N (sena 2003, 2004 jew 2005) huma identifikati għal annu N f'kolonna (5.1) u/jew (5.2). F'każ li ngħatat deroga parzjali biss, "P" issegwi s-sena.

L-ajruporti ta' kategorija "1" jew "2" għal liema deroga għal-lista C1 hija mogħtija sas-sena N (sena 2003, 2004 u 2005) huma mmarkati għas-sena N' f'kolonna (5.3). F'każ li ngħatat parzjali biss, "P" ssegwi s-sena.

Dettalji li jirrigwardaw id-deroga parzjali (jekk ikun hemm) isegwu l-listi.

▼M3

Il-Belġju: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EBAW	Antwerpen/Deurne	2
EBBR	**Bruxelles/National Brussel/Nationaal**	**3**
EBCI	**Charleroi/Brussels South**	**3**
EBLG	**Liege/Bierset**	**3**
EBOS	Oostende	2

Il-Bulgarija: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LBBG	**Burgas**	**3**
LBPD	*Plovdiv*	*1*
LBSF	**Sofia**	**3**
LBWN	**Varna**	**3**

Ir-Repubblika Ċeka: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LKKV	*Karlovy Vary*	*1*
LKMT	Ostrava/Mosnov	2
LKPR	**Praha/Ruzyne**	**3**
LKTB	Brno-Turany	2

Id-Danimarka: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EKAH	Aarhus	2

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EKBI	**Billund**	**3**
EKCH	**Copenhagen Kastrup**	**3**
EKEB	Esbjerg	2
EKKA	Karup	2
EKRK	*Copenhagen Roskilde*	*1*
EKRN	Bornholm	2
EKSB	*Soenderborg*	*1*
EKYT	Aalborg	2

Il-Ġermanja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EDAC	*Altenburg-Nobitz*	*1*
EDDB	**Berlin-Schönefeld**	**3**
EDDC	**Dresden**	**3**
EDDE	Erfurt	2
EDDF	**Frankfurt/Main**	**3**
EDDG	Münster/Osnabrück	2
EDDH	**Hamburg**	**3**
EDDI	Berlin-Tempelhof	2
EDDK	**Köln/Bonn**	**3**
EDDL	**Düsseldorf**	**3**
EDDM	**München**	**3**
EDDN	**Nürnberg**	**3**
EDDP	**Leipzig/Halle**	**3**
EDDR	Saarbrücken	2
EDDS	**Stuttgart**	**3**
EDDT	**Berlin-Tegel**	**3**

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EDDV	**Hannover**	**3**
EDDW	**Bremen**	**3**
EDFH	**Hahn**	**3**
EDFM	*Mannheim — Neuostheim*	*1*
EDHK	*Kiel-Holtenau*	*1*
EDHL	Lübeck	2
EDLN	*Mönchengladbach*	*1*
EDLP	Paderborn/Lippstadt	2
EDLV	Niederrhein	2
EDLW	**Dortmund**	**3**
EDMA	*Augsburg-Mühlhausen*	*1*
EDNY	Friedrichshafen	2
EDOG	*Gransee*	*1*
EDOR	Rostock-Laage	2
EDQM	*Hof*	*1*
EDTK	Karlsruhe	2
EDVE	*Braunschweig*	*1*
EDWG	*Wangerooge*	*1*
EDWJ	*Juist*	*1*
EDWS	*Norden-Norddeich*	*1*
EDXP	*Harle*	*1*
EDXW	*Westerland/Sylt*	*1*
ETNU	*Neubrandenburg*	*1*

L-Estonja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EECL	*Tallinn/City Hall*	*1*
EETN	Tallinn/Ülemiste	2

Il-Greċja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LGAL	Alexandroupolis	2
LGAV	**Athens**	**3**
LGBL	*N. Anchialos*	*1*
LGHI	Chios	2
LGIK	*Ikaria*	*1*
LGIO	*Ioannina*	*1*

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LGIR	**Irakleion**	**3**
LGKC	*Kithira*	*1*
LGKF	Kefallinia	2
LGKL	*Kalamata*	*1*
LGKO	**Kos**	**3**
LGKP	Karpathos	2
LGKR	**Kerkyra**	**3**
LGKV	Kavala	2
LGLE	*Leros*	*1*
LGLM	*Limnos*	*1*
LGMK	Mykonos	2
LGML	*Milos*	*1*
LGMT	Mytilini	2
LGNX	*Naxos*	*1*
LGPA	*Paros*	*1*
LGPZ	Aktio	2
LGRP	**Rodos**	**3**
LGRX	*Araxos*	*1*
LGSA	**Chania**	**3**
LGSK	Skiathos	2
LGSM	Samos	2
LGSR	Santorini	2
LGST	*Siteia*	*1*
LGTS	**Thessaloniki**	**3**
LGZA	Zakynthos	2

Spanja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
GCFV	**Puerto del Rosario/Fuerteventura**	**3**
GCGM	*Gomera España*	*1*
GCHI	Hierro	2
GCLA	Santa Cruz De La Palma	2
GCLP	**Las Palmas/Gran Canaria**	**3**
GCRR	**Arrecife/Lanzarote**	**3**
GCTS	**Tenerife Sur-Reina Sofia**	**3**
GCXO	**Tenerife Norte**	**3**
GECT	*Ceuta*	*1*
GEML	Melilla	2

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LEAL	**Alicante**	**3**
LEAM	Almeria	2
LEAS	Aviles/Asturias	2
LEBB	**Bilbao**	**3**
LEBL	**Barcelona**	**3**
LEBZ	*Badajoz/Talavera La Real*	*1*
LECO	La Coruña	2
LEGE	**Girona/Costa Brava**	**3**
LEGR	Granada	2
LEIB	**Ibiza**	**3**
LEJR	Jerez	2
LELC	Murcia-San Javier	2
LELN	*Leon*	*1*
LEMD	**Madrid/Barajas**	**3**
LEMG	**Malaga**	**3**
LEMH	**Menorca/Mahon**	**3**
LEPA	**Palma De Mallorca**	**3**
LERJ	*Logroño*	*1*
LEPP	Pamplona	2
LERS	Reus	2
LESA	*Salamanca*	*1*
LESO	San Sebastian	2
LEST	**Santiago**	**3**
LEVC	**Valencia**	**3**
LEVD	Valladolid	2
LEVT	Vitoria	2
LEVX	Vigo	2
LEXJ	Santander	2
LEZG	Zaragoza	2
LEZL	**Sevilla**	**3**

Franza: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
FMEE	**St Denis Roland Garros**	**3**
FMEP	*Saint Pierre Pierrefonds*	*1*
LFBA	*Agen La Garenne*	*1*
LFBD	**Bordeaux Merignac**	**3**
LFBE	Bergerac Roumaniere	2

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LFBH	*La Rochelle Île De Ré*	*1*
LFBI	*Poitiers Biard*	*1*
LFBL	Limoges	2
LFBO	**Toulouse Blagnac**	**3**
LFBP	Pau Pyrénées	2
LFBT	Tarbes Lourdes Pyrénées	2
LFBV	*Brive Laroche*	*1*
LFBZ	Biarritz -Bayonne — Anglet	2
LFCK	*Castres Mazamet*	*1*
LFCR	Rodez Marcillac	2
LFDN	*Rochefort/Saint-Agnant*	*1*
LFJL	Metz Nancy Lorraine	2
LFKB	Bastia Poretta	2
LFKC	Calvi Sainte Catherine	2
LFKF	Figari Sud Corse	2
LFKJ	Ajaccio Campo Dell'oro	2
LFLB	Chambery — Aix Les Bains	2
LFLC	Clermont Ferrand Auvergne	2
LFLL	**Lyon St Exupéry**	**3**
LFLP	*Annecy Meythet*	*1*
LFLS	Grenoble St Geoirs	2
LFLW	*Aurillac Tronquieres*	*1*
LFLX	*Chateauroux/Deols*	*1*
LFMD	*Cannes/Mandelieu*	*1*
LFMH	*St Etienne Bouthéon*	*1*
LFMK	Carcassonne	2
LFML	**Marseille Provence**	**3**
LFMN	**Nice Côte D'azur**	**3**
LFMP	Perpignan Rivesaltes	2
LFMT	Montpellier Méditerranée	2
LFMU	*Beziers Vias*	*1*
LFMV	*Avignon Caumont*	*1*
LFOB	**Beauvais Tille**	**3**
LFOH	*La Havre Octeville*	*1*
LFOK	Châlons Vatry	2
LFOP	*Rouen Vallée De Seine*	*1*
LFOT	*Tours St Symphorien*	*1*
LFPG	**Paris Charles De Gaulle**	**3**
LFPO	**Paris Orly**	**3**

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LFQQ	Lille Lesquin	2
LFRB	Brest Guipavas	2
LFRD	Dinard Pleurtuit	2
LFRG	*Deauville St Gatien*	*1*
LFRH	Lorient	2
LFRK	*Caen Carpiquet*	*1*
LFRN	Rennes St Jacques	2
LFRO	*Lannion Servel*	*1*
LFRQ	*Quimper Pluguffan*	*1*
LFRS	**Nantes Atlantique**	**3**
LFSB	**Bâle Mulhouse**	**3**
LFSR	*Reims/Champagne*	*1*
LFST	**Strasbourg**	**3**
LFTH	Toulon — Hyères	2
LFTW	Nîmes Arles Camargue	2
SOCA	Cayenne Rochambeau	2
TFFF	**Fort De France**	**3**
TFFG	St Martin Grand Case	2
TFFJ	St Barthélemy	2
TFFR	**Pointe à Pitre**	**3**

L-Irlanda: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EICA	*Connemara Regional Airport*	*1*
EICK	**Cork**	**3**
EICM	Galway	2
EIDL	*Donegal*	*1*
EIDW	**Dublin**	**3**
EIKN	Connaught Regional Airport	2
EIKY	Kerry	2
EINN	**Shannon**	**3**
EISG	*Sligo Regional Airport*	*1*
EIWF	*Waterford*	*1*

▼M3

L-Italja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LIBC	*Crotone*	*1*
LIBD	**Bari-Palese Macchie**	**3**
LIBP	Pescara	2
LIBR	Brindisi-Casale	2
LICA	Lamezia Terme	2
LICC	**Catania-Fontanarossa**	**3**
LICD	Lampedusa	2
LICG	*Pantelleria*	*1*
LICJ	**Palermo-Punta Raisi**	**3**
LICR	*Reggio Di Calabria*	*1*
LICT	Trapani-Birgi	2
LIEA	Alghero-Fertilia	2
LIEE	**Cagliari-Elmas**	**3**
LIEO	**Olbia-Costa Smeralda**	**3**
LIMC	**Milano-Malpensa**	**3**
LIME	**Bergamo-Orio al Serio**	**3**
LIMF	**Torino-Caselle**	**3**
LIMJ	Genova-Sestri	2
LIML	**Milano-Linate**	**3**
LIMP	*Parma*	*1*
LIMZ	*Cuneo/Levaldigi*	*1*
LIPB	*Bolzano*	*1*
LIPE	**Bologna-Borgo Panigale**	**3**
LIPH	Treviso-Sant'Angelo	2
LIPK	Forlì	2
LIPO	Brescia-Montichiari	2
LIPQ	Trieste-Ronchi Dei Legionari	2
LIPR	Rimini	2
LIPX	**Verona-Villafranca**	**3**
LIPY	Ancona-Falconara	2
LIPZ	**Venezia-Tessera**	**3**
LIRA	**Roma-Ciampino**	**3**
LIRF	**Roma-Fiumicino**	**3**
LIRN	**Napoli-Capodichino**	**3**
LIRP	**Pisa-San Giusto**	**3**
LIRQ	**Firenze-Peretola**	**3**
LIRZ	*Perugia*	*1*

▼M3

Ċipru: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LCLK	**Larnaka**	**3**
LCPH	**Pafos**	**3**

Il-Latvja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EVRA	**Riga International Airport**	**3**

Il-Litwanja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EYKA	*Kaunas*	*1*
EYPA	*Palanga*	*1*
EYVI	Vilnius	2

Il-Lussemburgu: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
ELLX	**Luxembourg**	**3**

L-Ungerija: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LHBP	**Budapest/Ferihegy**	**3**
LHDC	*Debrecen*	*1*
LHSM	*Sarmellek/Balaton*	*1*

Malta: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LMML	**Malta/Luqa**	**3**

L-Olanda: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EHAM	**Amsterdam/Schiphol**	**3**
EHBK	Maastricht-Aachen	2
EHEH	Eindhoven/Welschap	2
EHGG	*Eelde/Groningen*	*1*
EHRD	Rotterdam/Zestienhoven	2

▼M3

L-Awstrija: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LOWG	Graz	2
LOWI	Innsbruck	2
LOWK	Klagenfurt	2
LOWL	Linz	2
LOWS	**Salzburg**	**3**
LOWW	**Wien/Schwechat**	**3**

Il-Polonja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EPBG	*Bydgoszcz — Szwederowo*	*1*
EPGD	Gdansk — Rebiechowo	2
EPKK	**Kraków — Balice**	**3**
EPKT	Katowice — Pyrzowice	2
EPPO	Poznan — Lawica	2
EPRZ	*Rzeszów — Jasionka*	*1*
EPSC	*Szczecin — Goleniów*	*1*
EPWA	**Warszawa — Okecie**	**3**
EPWR	Wroclaw — Strachowice	2
EPLL	*Lódz — Lublinek*	*1*

Il-Portugall: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LPFL	*Flores*	*1*
LPFR	**Faro**	**3**
LPFU	**Madeira/Madeira**	**3**
LPHR	Horta	2
LPLA	Lajes	2
LPPD	Ponta Delgada	2
LPPO	*Santa Maria*	*1*
LPPR	**Porto**	**3**
LPPS	Porto Santo	2
LPPT	**Lisboa**	**3**

Ir-Rumanija: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LRBC	*Bacau*	*1*
LRBS	Bucuresti/Baneasa	2

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LRCK	*Constanta/M. Kogalniceau*	*1*
LRCL	Cluj-Napoca/Someseni	2
LRIA	*Iasi*	*1*
LROD	*Oradea*	*1*
LROP	**Bucuresti/Otopeni**	**3**
LRSB	*Sibiu/Turnisor*	*1*
LRTR	Timisoara/Giarmata	2

Is-Slovenja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LJLJ	Ljubljana	2

Is-Slovakkja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
LZIB	Bratislava/Ivanka	2
LZKZ	Kosice	2
LZSL	*Sliac*	*1*
LZTT	*Poprad/Tatry*	*1*

Il-Finlandja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EFHK	**Helsinki-Vantaa**	**3**
EFIV	Ivalo	2
EFJO	Joensuu	2
EFJY	Jyväskylä	2
EFKE	*Kemi-Tornio*	*1*
EFKI	*Kajaani*	*1*
EFKK	*Kruunupyy*	*1*
EFKS	*Kuusamo*	*1*
EFKT	Kittilä	2
EFKU	Kuopio	2
EFLP	*Lappeenranta*	*1*
EFMA	*Mariehamn*	*1*
EFOU	Oulu	2
EFPO	*Pori*	*1*
EFRO	Rovaniemi	2
EFSA	*Savonlinna*	*1*
EFSI	*Seinäjoki*	*1*

▼M3

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EFTP	Tampere-Pirkkala	2
EFTU	Turku	2
EFVA	Vaasa	2
EFVR	*Varkaus*	*1*

L-Iżvezja: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
ESDF	Ronneby	2
ESGG	**Göteborg-Landvetter**	**3**
ESGJ	*Jönköping*	*1*
ESGP	Göteborg City	2
ESGT	*Trollhättan/Vänersb*	*1*
ESKN	**Stockholm/Skavsta**	**3**
ESMK	*Kristianstad/Everöd*	*1*
ESMQ	Kalmar	2
ESMS	**Malmö-Sturup**	**3**
ESMT	*Halmstad*	*1*
ESMX	Växjö/Kronoberg	2
ESNG	*Gällivare*	*1*
ESNK	*Kramfors*	*1*
ESNL	*Lycksele*	*1*
ESNN	Sundsvall-Härnösand	2
ESNO	*Örnsköldsvik*	*1*
ESNQ	Kiruna	2
ESNS	Skellefteå	2
ESNU	Umeå	2
ESNX	*Arvidsjaur*	*1*
ESOE	*Örebro*	*1*
ESOK	Karlstad	2
ESOW	Stockholm/Västerås	2
ESPA	Luleå	2
ESPC	Östersund	2
ESSA	**Stockholm-Arlanda**	**3**
ESSB	Stockholm-Bromma	2
ESSD	*Borlänge*	*1*
ESSL	*Linköping/Saab*	*1*
ESSP	*Norrköping*	*1*
ESSV	Visby	2
ESTA	Ängelholm	2

▼M3

Ir-Renju Unit: Lista ta' ajruporti tal-Komunità

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EGAA	**Belfast International**	**3**
EGAC	**Belfast City**	**3**
EGAE	City of Derry (Eglinton)	2
EGBB	**Birmingham**	**3**
EGBE	Coventry	2
EGCC	**Manchester**	**3**
EGCN	Doncaster Sheffield	2
EGDG	Newquay	2
EGFF	**Cardiff Wales**	**3**
EGGD	**Bristol**	**3**
EGGP	**Liverpool**	**3**
EGGW	**Luton**	**3**
EGHC	*Lands End*	*1*
EGHD	*Plymouth*	*1*
EGHE	*Isles Of Scilly (St. Marys)*	*1*
EGHH	Bournemouth	2
EGHI	**Southampton**	**3**
EGHK	*Penzance Heliport*	*1*
EGHT	*Isles Of Scilly (Tresco)*	*1*
EGKK	**Gatwick**	**3**
EGLC	**London City**	**3**
EGLL	**Heathrow**	**3**
EGMH	Kent International	2
EGNH	Blackpool	2
EGNJ	Humberside	2
EGNM	**Leeds Bradford**	**3**
EGNR	*Hawarden*	*1*
EGNT	**Newcastle**	**3**
EGNV	Durham Tees Valley	2
EGNX	**Nottingham East Midlands**	**3**
EGPA	*Kirkwall*	*1*
EGPB	*Sumburgh*	*1*
EGPC	*Wick*	**1**
EGPD	**Aberdeen**	**3**
EGPE	Inverness	2
EGPF	**Glasgow**	**3**
EGPH	**Edinburgh**	**3**
EGPI	*Islay*	*1*
EGPK	**Prestwick**	**3**
EGPL	*Benbecula*	*1*

▼**M3**

ICAO kodiċi ta' l-ajruport	Isem ta' l-ajruport	Kategorija ta' l-ajruport fl-2007
EGPM	Scatsta	2
EGPN	*Dundee*	*1*
EGPO	*Stornoway*	*1*
EGSH	Norwich	2
EGSS	**Stansted**	**3**
EGTE	Exeter	2

▼B

ANNESS II

DESKRIZZJONI TA' L-INKARTAMENT TA' INFORMAZZJONI U MEZZ TA' TRASMISSJONI

Żewġ formati ta' EDI kompatibbli huma aċċettabbli għat-trasmissjoni tat-tabelli tar-regolament: "CSV" (Valuri Mifrudi b'Virgola) b'punt u virgola (;) li jifirdu l-qasam u GESMES-EDIFACT.

Lista u deskrizzjoni ta' l-oqsma li għandhom ikunu użati għal kull tabella tar-Regolament:

It-tabelli li jirrikapitolaw li ġejjin jagħtu għal kull tabella tar-regolament ("A1", "B1" u "C1") u kull reġistru (linja), il-lista ta' l-oqsma li għandhom jingħataw. Żewġ tipi differenti ta' oqsma huma identifikati fil-kolonna assoċjata mat-tabella korrispondenti:

— "X": oqsma li għandhom jingħataw għal kull tabella;

— "" (spazju): oqsma mhux relevanti għat-tabella. Dawn l-oqsma ma għandhomx normalment ikunu mogħtija fit-tabelli korrispondenti. L-oqsma vojta (żewġ separaturi ta' l-oqsma mingħajr informazzjoni fihom) huma aċċettabbli wkoll f'dan il-każ.

Forma u daqs ta' l-oqsma:

Il-format ta' kull qasam huwa jew numeriku (n) jew alfabetika (a) jew alfanumeriku (an).

Id-daqs huwa jew iffissat ("format + numru" - eż.: "n4") jew varjabbli b'numru massimu ta' pożizzjonijiet ("format + ".." + numru massimu ta" pożizzjonijiet - eż.: "n..12").

Pożizzjoni	Oqsma	Format u daqs	Tabelli		
			A1	B1	C1
1	Identifikazzjoni tat-tabella	an2	X	X	X
2	Pajjiż li jirraporta	a2	X	X	X
3	Sena ta' referenza	n2	X	X	X
4	Perjodu ta' referenza	an2	X	X	X
5	Ajruport li jirraporta	an4	X	X	X
6	Ajruport imsieħeb	an4	X	X	
7	Wasla/tluq	nl	X	X	
8	Servizzi regolari/mhux regolari	nl	X	X	
9	Titjira tal-passiġġieri/titjira eskluzivament għall-merkanzija u għall-posta	nl	X	X	
10	Informazzjoni dwar tal-linja ta' l-ajru	a3	X	X	X
11	Tip ta' ajruplan	an..4	X		
12	Passiġġieri	n..12	X	X	X
13	Passiġġieri fi transitu dirett	n..12			X
14	Merkanzija u posta	n..12	X	X	X
15	Titjiriet ta' l-ajru kummerċjali (Tabella "A1") / Total tal-movimenti kummerċjali ta' l-ajruplani (Tabella "C1")	n..12	X		X
16	Totali tal-movimenti ta' l-ajruplani	n..12			X
17	Postijiet disponibbli għall-passiġieri	n..12	X		

Tabella (għal perjodu partikulari) għandha tikkorrispondi għal inkartament wieħed (jew "spedizzjoni") mibgħut lill-Eurostat.

Kull inkartament (tabella) għandhu jkun imsemmi skond il-format li ġej: "CCYYPPTT.csv" (għall-format csv) jew "CCYYPPTT.ges" (għall-format gesmes): fejn "CC" jirrapreżenta il-Kodiċi tal-Pajjiż (ISO alfa2), "YY" is-Sena,

▼B

"PP" il-perjodu (AN, Q1..Q4 jew 01..12) u "TT", l-identifikazzjoni tat-tabella ("A1", "B1" jew "C1").

Jekk il-*file* huwa kompressat, is-suffiss taż-"żip" għandu jkun użat minnflok: ".csv" jew ".ges".

Il-mezz tat-trasmissjoni għandhu jkun kompattibbli ma kontroll u proċessar awtomatiku ta' l-informazzjoni mibgħuta lil-Eurostat.

Għodda EDI kompattibbli għandhom ikunu favoriti. Iżda, għodda "Pre EDI" kif ukoll e-mail strutturat mibgħut lill-indirizz mogħti mill-Eurostat jista' jkun aċċettat ukoll f'perjodi tranżitorji.

Fil-każ li e-mail strutturat huwa użat, imbagħad:

— il-qasam ta' l-oġġett ta' l-e-mail għandu jkollu l-isem ta' l-inkartament (tabella) li għandu jkun trasmess,

— l-informazzjoni (tabella) għandha tkun mehmuza ma' l-e-mail (waħda biss mehmuza kull e-mail huwa aċċettabbli),

— kummenti fuq l-informazzjoni mogħtija jistgħu jkunu mdaħħla bħala test sempliċi fil-korp tal-messaġġ li miegħu it-tabella hija miżjuda (test ifformattjat għandu jiġi evitat).

▼B

ANNESS III

Emendi għall-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 437/2003

"ANNESS I

STRUTTURA TAR-REĠISTRAZZJONI GĦAT-TRASMISSJONI TA' L-INFORMAZZJONI LILL-EUROSTAT

L-informazzjoni li għandha tkun rappurtata hi limitata għall-avvjazzjoni ċivili.

It-titjiriet Statali u l-movimenti bil-mezzi ta' trasport fuq wiċċ l-art jew il-baħar, ta' passiġġieri jew merkanzija mgħobbija b'polza tal-kargo ta' l-ajru huma eskluži.

A. **Tabellala ta' l-istadji tat-titjira (informazzjoni mensili)** (*)

L-informazzjoni rapportata f'din it-Tabellala turi biss servizzi tat-trasport kummerċjali bl-ajru.

Format tar-reġistru ta' l-inkartament ta' l-informazzjoni

Elementi	Dettal tal-kodiċi	Nomenklatura	Unita
Tabella	2-alfa	"A1"	
Pajjiż li jirraporta	2-alfa	(1) Ittri prinċipali tan-nazzjonalita' ICAO	
Sena ta' referenza	2-ċifri	Tip "yy" (l-aħħar 2 pożizzjonijiet tas-sena)	
Perjodu ta' referenza	2-alfa	(2) Espliċitu (jew Statra)	
Ajruport li jirraporta	4-alfa	(3) ICAO	
Ajruport li jmiss/preċedenti	4-alfa	(3) ICAO	
Wasla/tluq	1-ċifra	1= wasla 2= tluq	
Servizz regolari/mhux regolari	1-ċifra	1= regolari 2= mhux regolari	
Servizz tal-passiġġieri/servizz eskluživament għall-merkanzija u l-posta	1-ċifra	1= servizz tal-passiġġieri 2= servizz eskluživament għall-merkanzija kollha u tal-posta	
Informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru	3-alfa	(4) Informazzjoni dwar it-titjira	
Tip ta' l-ajruplan	4-alfa	(5) ICAO	
Passiġġieri abbord	12-ċifri		karinpassiġġier
Merkanzinja u posta abbord	12-ċifri		tunnellata metrika
Titjiriet kummerċjali	12-ċifri		numru ta' titjiriet
Postijiet disponnibbli għall-passiġġieri	12-ċifri		postijiet għall-passiġġieri

B. **Tabella ta' l-oriġini/destinazzjoni tat-titjiriet (informazzjoni mensili)** (*)

Informazzjoni mogħtija f'din it-tabella ma tirrigwardax ħlief is-servizzi tat-trasport bl-ajru kummerċjali

(*) L-informazzjoni ta' kull kwart ta' l-2003 tista' tkun aċċettata.

▼B

Format tar-registrazzjoni ta' l-inkartament ta' l-informazzjoni

Elementi	Dettal tal-kodiċi	Nomenklatura	Unita
Tabella	2-alfa	B1	
Pajjiż li jirraporta	2-alfa	(1) Ittri prinċipali tan-nazzjonalita' ICAO	
Sena ta' referenza	2-ċifri	Tip "yy" (l-aħħar 2 pożizzjonijiet tas-sena)	
Perjodu ta' referenza	2-alfa	(2) Espliċitu (jew Statra)	
Ajruport li jirraporta	4-alfa	(3) ICAO	
Oriġini u destinazzjoni tat-titjiriet	4-alfa	(3) ICAO	
Wasla/tluq	1-ċifra	1= wasla 2= tluq	
Servizz programmati/mhux programmati	1-ċifra	1= programmat 2= mhux programmat	
Servizz tal-passiġġieri/u servizz esklusiv ta merkanzija u posta	1-ċifra	1= servizz tal-passiġġieri 2= servizz tal-merkanzija esklussiv u tal-posta	
Informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru	3-alfa	(4) Informazzjoni dwar it-titjira tal-linja ta' l-ajru (mhux bil-fors)	
Passiġġieri trasportati	12-ċifra		passiġġier
Kargu ta' merkanzija u posta	12-ċifra		tunnellata

C. **Tabella ta' l-ajruporti (minimu ta' informazzjoni annwali)**

L-informazzjonijiet mogħtija f'din it-tabella ma jikkonċernawx ħlief is-servizzi kummerċjali bl-ajru, ħlief "għal total ta' movimenti kummerċjali ta' l-ajruplani" li jikkonċernaw ugwalment t-titjiriet kollha ta' linji ġenerali kummerċjali, u ħlief "għal total ta' movimenti ta' ajruplani" li jikkonċernaw il-movimenti kollha ta' l-ajruplani ċivili (ħlief titjiriet Statali).

Format ta' reġistrazzjoni ta' l-inkartament ta' l-informazzjoni

Elementi	Dettal tal-kodiċi	Nomenklatura	Unita
Tabella	2-alfa	C1	
Pajjiż li jirraporta	2-alfa	(1) Ittri prinċipali tan-nazzjonalita' ICAO	
Sena ta' referenza	2-ċifri	Tip "yy"	
Perjodu ta' referenza	2-alfa	(2) Espliċitu (jew Statra)	
Ajruport li jirraporta	4-alfa	(3) ICAO	
Informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru (*)	3-alfa	(4) Informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru	
Total ta' passiġġieri trasportati	12-ċifra		passiġġier
Total ta' passiġġieri fi transitu dirett	12-ċifra		passiġġier
Total tal-kargu ta' merkanzija u posta	12-ċifra		tunnellata metrika
Total tal-movimenti kummerċjali ta' l-ajruplani	12-ċifra		moviment
Total tal-movimenti ta' l-ajruplani	12-ċifra		moviment

(*) Il-parti ta' l-"informazjzoni dwar il-linja ta' l-ajru" hija obbligatorju għal ajruporti li għandhom jirraportaw ukoll it-tabelli A1 u B1. Għall-ajruporti li m'humiex obbligati li jirraportaw t-tabelli A1 u B1, kodiċi illi jiġbor l-linji kollha ta' l-ajru jista' jkun użat.

▼B

KODIĊIJIET

1. **Pajjiż li jirraporta**

Is-sistema tal-kodiċi li għandha tkun użata hija miġjuba mill-indiċi ICAO ta' l-ittri ta' nazzjonalita' li jindikaw il-lok. Jekk ikun hemm numru ta' prefissi ICAO għal istess pajjiż, il-prefisss prinċipali biss ta' l-ICAO tal-Metropoli għandu jintuża.

Belġju	EB
Danimarka	EK
Ġermanja	ED
Greċja	LG
Spanja	LE
Franza	LF
Irlanda	EI
Italja	LI
Lussemburgu	EL
Olanda	EH
Awstrija	LO
Portugall	LP
Finlandja	EF
Svezja	ES
Renju Unit	EG

2. **Perjodu ta' referenza**

AN	(jew 45) sena
Q1	(jew 21) Jannar-Marzu (l-ewwel trimestri)
Q2	(jew 22) April-Ġunju (it-tieni trimestri)
Q3	(jew 23) Lulju-Settembru (it-tielet trimestri)
Q4	(jew 24) Ottubru -Diċembru (ir-raba' trimestri)
01 sa 12	Jannar sa Diċembru (xahar)

3. **Ajruporti**

L-ajruporti jistgħu jkunu kodifikati skond il-kodiċi b'erbgħa ittri ICAO kif indikat fid-dokument ICAO 7910. L-L-ajruporti mhux magħrufa għandhom ikunu kodifikati bħala "ZZZZ".

4. **Informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru**

"IEU" għal-linji ta' l-ajru liċenzjati fl-Unjoni Ewropea,

"INE" għal-linji ta' l-ajru mhux liċenzjati fl-Unjoni Ewropea,

"ZZZ" għal-linji ta' l-ajru mhux magħrufa,

"888" għal "kunfidenzjali" (li għandha tiġi użata fit-tabelli A1 u B1 jekk "l-informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru" ma tistax tkun mogħtija għal raġunijiet ta' kunfidenzjalita'),

"999" għal-linji ta' l-ajru kollha (biex tintuża fit-tabella C1 biss).

Linji ta' l-ajru parzjalment liċenzjati fl-UE għandhom ikunu rapportati bħala "linji ta' l-ajru UE".

Fuq bażi volontarja, il-kodiċi "2" + Iso alfa 2 kodiċi tal-pajjiż (pajjiż li jilliċenzja l-linja ta' l-ajru) jista' wkoll jintuża bħal kodiċ tal-linja ta' l-ajru ICAO.

▼B

5. **Tip ta' l-ajruplan**

It-tipi ta' ajruplani huma kkodifikati skond it-tip ta' ajruplani ICAO kif jidher fid-dokument ICAO 8643.

It-tipi ta' ajruplani mhux magħrufa għandhom ikunu kodifikati “ZZZZ”.

▼B

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET U STATISTIKA LI GĦANDHA TIĠI DIKJARATA

Wara t-titolu ta' kull tifsira hemm il-lista ta' l-artikoli jew tabelli tar-regolament fejn tinstab riferenza għall-fraži.

I. TIFSIRIET U VARJANTI TA INTERESS ĠENERALI

1. **Ajruport tal-Komunità** ***(L-Artikolu 1 sa 3)***

Wicc partikulari fuq art jew l-ilma li jkun jinsab fi Stat Membru soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-trattat, li hu maħsub li jkun użat għal kollox jew inparti għall-wasla, tluq jew moviment ta' l-ajruplani u miftuħ għas-servizzi ta' l-ajru kummerċjali (ara -4-).

2. **Titjira Statali** ***(L-Artikolu 1 u Lista C1)***

Kwalunkwe titjira magħmula permezz ta' ajruplan tal-militar, tad-dwana, tal-pulizija jew ta' servizzi li jeżegwixxu liġi ta' Stat.

Kull titjira dikjarata bħala "titjira Statali" mill-awtoritajiet ta' l-Istat.

L-espressjoni "ħlief għat-titjiriet mill-ajruplan ta' l-Istat" fl-Artikolu 1 għandha tiġi interpretat bħala "ħlief għat-titjiriet ta' l-Istat".

3. **Unita ta' passiġġier** ***(L-Artikolu 3(2), (3) u (5))***

Unita ta' passiġġier hija ekwivalenti għal passiġġier wieħed jew għal 100 kilogramma ta' merkanzija jew posta.

Biex tiġi stabbilita l-lista ta' l-ajruporti tal-Komunitarji (ara -1-) skond l-Artikolu 3(2) u għall-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 3(4) u (5), il-kalkulu limitu minimu ta' "unita tal-passiġġieri" għandu jieħu kont, fl-ajruporti Komunitarji (ara -1-), in-numru totali ta' passiġġieri trasportati (ara -16-) b'żieda tan-numru totali ta' passiġġieri ta' transitu dirett (ara -18-) (magħdud darba) flimkien mall-kwantità totali ta' merkanzija u posta mgħobbija u maħtuta (ara -17-).

4. **Servizz kummerċjali ta' l-ajru** ***(L-Artikolu 1 u listi A1, B1, C1)***

Titjira jew serje ta' titjiriet għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri u/jew tal-merkanzija u tal-posta, bil-ħlas jew skond kuntratt ta' kiri.

Is-servizz ta' l-ajru jista' jkun regorali (-5-) jew mhux regolari (-6-).

5. **Servizz ta' l-ajru regolari** ***(Tabelli A1 u B1)***

Servizz bl-ajru kummerċjali (ara -4-) operat skond skeda pubblikata, jew b'regolarita' u frekwenza jikkostitwixxu serje ta' titjiriet sistematiċi faċilment rikonoxxibli.

Tinkludi titjiriet suplimentari minħabba eċċess ta' traffiku fuq titjiriet regolari.

6. **Servizz ta' trasport bl-ajru mhux regolari** ***(Tabelli A1 u B1)***

Servizz kummerċjali bl-ajru (ara -4-) li mhux servizz bl-ajru regolari (ara -5-)

7. **Servizz bl-ajru ta' passiġġieri** ***(Tabelli A1 u B1)***

Servizz bl-ajru regolari(ara -5-)*jew mhux regolari*(ara -6-) li jsiru permezz ta' ajruplan li jitrasporta passiġġier wieħed jew aktar bil-ħlas kif ukoll kull titjira imħabbra b'orarju ppubblikat bħala miftuħ għall-passiġġieri.

Kompriżi t-titjiriet li jġorru kemm passiġġieri bil-ħlas u kemm merkanzija u posta bil-ħlas.

8. **Servizz bl-ajru eskluživament għall-merkanzija u posta** ***(Tabelli A1 u B1)***

Servizz bl-ajru regolari(ara -5-)*jew mhux regolari*(ara -6-) li jsir b'ajruplan li jġorr kargu bi ħlas ta' merkanzija u posta barra minn passiġġieri bi ħlas.

Mhux kompriżi t-titjiriet illi jitrasportaw passiġġieri wieħed jew aktar bil-ħlas u t-titjiriet imħabbra b'orarji pubbliċi bħala miftuħa għall-passiġġieri.

▼B

9. **Linja ta' l-ajru (operatur tat-trasport ta' l-ajru kummerċjali)** ***(Tabelli A1, B1 u C1)***

Trasport ta' l-ajru li jopera b'liċenzja valida ta' operazzjoni għall-operazzjoni tat-titjiriet kummerċjali ta' l-ajru (ara -13-).

Meta l-linji ta' l-ajru għandhom konsorzju bejniethom jew arrangamenti kontrattwali li jipprevedu li tnejn jew aktar minnhom li jassumu responsabbilita' separata għall-dak li jiġi offert u għall-bejgħ ta' prodotti tat-trasport bl-ajru għal titjira jew kumbinazzjoni ta' titjiriet, il-linja li tassigura effettivament it-titjira għandha tkun indikata.

II. DEFINIZZJONIJIET U VARJANTI GĦAT-TABELLA A1 (STADJU TAT-TITJIRA)

10. **Stadju tat-titijira** ***(Tabella A1)***

Il-perkors ta' l-ajruplan bejn it-tlugħ u l-ewwel inżul li jmiss.

11. **Passiġġieri abbord** ***(Tabella A1)***

Il-passiġġieri kollha abbord ta' l-ajruplan mal-wasla fl-ajruport li jirraporta jew fit-tlugħ mill-ajruport li jirraporta.

Il-passiġġieri kollha li jħallsu u dawk li ma jħallsux abbord ajruplan matul stadju ta' titjira (ara -16-).

Inklużi passiġġieri fi transit dirett (ara -18-) (magħduda mal-wasla jew mat- tluq).

12. **Merkanzija u posta abbord** ***(Tabella A1)***

Il-merkanzija u posta kollha flimkien abbord ta' l-ajruplan mal-wasla fl-ajruport li jirraporta jew fit-tlugħ mill-ajruport li jirraporta.

Il-merkanzija u il-posta kollha flimkien abbord ta' ajruplan matul stadju ta' titjira (ara -119-).

Il-merkanzija u il-posta fi transit dirett huma nklużi (mgħaduda mal-wasla jew mat-tluq).

Is-servizzi espress u l-valiġġi diplomatiċi.

Teskludi il-baggalji tal-passiġġieri.

13. **Titjira kummerċjali** ***(Tabella A1)***

Titjira ta' trasport pubbliku ta' passiġġieri u/jew merkanzija u posta, bil-ħlas u skond kuntratt ta' kiri.

Fit-tabella A1, it-titjiriet kummerċjali jingabru flimkien għall-kalkolu ta' "l-indikaturi oħra". ["Passiġġieri abbord (ara -11-)", "Merkanzija u posta abbord (ara -12-)" u "Postijiet disponibbli għall-passiġġieri (ara -14-)").

14. **Postijiet disponibbli għall-passiġġieri** ***(Tabella A1)***

In-numru totali ta' postijiet offerti għall-bejgħ għall-passiġġieri fuq ajruplan li jopera *stadju ta' titjira (ara -10-) bejn żewġ ta' ajruporti.*

Fi stadju tat-titjira (-10-), in-numru totali ta' passiġġieri li jħallsu m'għandux ikun aktar minn numru totali ta' postijiet ta' passiġġieri offerti għal bejgħ.

Tinkludi postijiet diġa' mibjugħa għal stadju ta' titjira, jiġifieri dawk okkupati minn passiġġieri fi transitu dirett (ara -18-).

Ma jinkludix postijiet, li ma humiex attwalment disponibbli minħabba limitazzjonijiet ta' piz massimu għat-trasport ta' passiġġieri.

Jekk l-informazzjonijiet ma jkunux disponibbli fuq din il-bażi allura jistgħu jingħataw stimi kif ġej (b'ordni ta' preferenza, mill-aktar adegwata sa l-inqas adegwata):

1. l-konfigurazzjoni speċifika ta' l-ajruplan espressa fin-numru ta' siġġijiet ta' passiġġieri fl-ajruplan (kif murija fin-numru ta' registrazzjoni);

▼B

2. il-konfigurazzjoni medja ta' l-ajruplan espressa fin-numru medju ta' siġġijiet ta' passiġġieri offerta għat-tip ta' ajruplan għat-trasport bl-ajru;

3. il-konfigurazzjoni medja ta' l-ajruplan espressa fin-numru ta' siġġijiet ta' passiġġieri disponibbli skond it-tip ta' ajruplan.

III. DEFINIZZJONIJIET U VARJANTI GĦAT-TABELLA B1 (DWAR L-ORIĠINI U DESTINAZZJONI TAT-TITJIRA) U T-TABELLA C1 (AJRUPORTI)

15. **Oriġini u destinazzjoni tat-titjira *(Tabella B1)***

It-traffiku fuq *servizz ta' l-ajru kummerċjali*(ara -4-) identifikat bin-numru tat-titjira uniku, diviż bejn żewġ ajruporti skond il-post ta' l-imbark u l-post ta' l-iżbark ta' dik it-titjira.

Għall-passiġġieri, merkanzija u posta li ma mhux magħruf il-post ta' l-imbark, il-punt tat-tluq ta' l-ajruplan għandu jitqies bħala l-punt ta' l-imbark; bl-istess mod, jekk l-ajruport ta' l-iżbark mhux magħruf, il-punt tad-destinazzjoni ta' l-ajruplan għandu jitqies bħala l-punt ta' l-iżbark.

16. **Passiġġieri trasportati *(Tabella B1 u C1)***

Il-passiġġieri kollha fuq titjira partikulari (b'numru ta' titjira waħda) magħduda darba waħda u mhux għall kull stadju tat-titjira.

Il-passiġġieri kollha li jħallsu u li ma jħallsux fejn jibda l-vjaġġ jew fejn jispiċċa fl-ajruport li jirraporta u l-passiġġieri intransit li jimbarkaw jew jitilqu t-tijira fl-ajruport li jirraporta.

l-passiġġieri fi transitu dirett huma eskludi (ara -18-).

17. **Merkanzija u posta mgħobbija jew maħtuta *(Tabelli B1 u C1)***

Il-merkanzija u l-posta kollha mgħobbija jew maħtuta minn ajruplan.

Is-servizz espress u l-valiggi diplomatiċi huma inklużi.

Il-baggalji tal-passiġġieri huma esklużi.

Il-Merkanzija u l-posta fi transitu dirett m'humiex inklużi.

18. **Passiġġieri f'transitu dirett *(Tabella C1)***

Il-passiġġieri li, wara waqfa qasira, jkomplu l-vjaġġ tagħhom fl-istess ajruplan fuq titjira li jkollha l-istess numru ta' titjira bħal dik li biha jaslu.

Fl-istatistika ta' l-ajruport totali kif ukoll għall-kalkulu tal-unita tal-passiġġieri (ara -3-), il-passiġġieri fi

transitu dirett huma magħduda darba waħda.

Passiġġieri li jibdlu l-ajruplan minħabba problemi tekniċi iżda jkomplu t-titjira bl-istess numru tat-titjira huma magħduda bħala passiġġieri fi transitu dirett.

19. **Total ta' movimenti kummerċjali ta' ajruplan *(Tabella C1)***

Total ta' tlugħ w inżul ta' titjiriet li jsiru bi ħlas u skond kuntratt ta' kiri.

Is-servizzi kummerċjali bl-ajru (ara -4-) huma nklużi bħal operazzjonijiet ta' avjazzjoni ġenerali kummerċjali.

20. **Total ta' movimenti ta' l-ajruplani *(Tabella C1)***

It-tlugħ u l-inżul kollu ta' l-ajruplani.

Il-movimenti kummerċjali ta' ajruplani kollha (-ara 19-) huma nklużi kif ukoll it-titjiriet ta' l-avjazzjoni ġenerali kummerċjali.

It-titjiriet Statali (ara -2-) mhumiex inklużi.

Huma esklużi t-"Touch and Go", l-"overshoots" u l-attentati ta' nżul li ma jirnexxix."